MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Numru. 382/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**Vs**
**Salvu Vella ta' 56 sena imwieled nhar is-6 ta' Marzu 1952 gewwa Birkirkara bin Carmel u Mary nee' Borg u residenti Woodcock, Triq l-Isqof Gargallo, Gharghur, detentur tal-karta ta' l-identita' 0261752(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Salvu Vella akkuzat talli nhar is-27 ta' Marzu 2008 ghal habta tas-6:30a.m. u fis-snin ta' qabel din id-data gewwa "Woodcock" Triq l-Isqof Gargallo, Gharghur, minghajr awtorizazzjoni valida, akkwista, kellu pussess, zamm xi prodott tal-petroleum li kienet izjed minn 300 litru ta' petroleum u mhux ghall-uzu privat.

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi minghajr awtorizazzjoni valida, wettaq attivita' ta' grossista tal-petroleum li kienet izjed minn 300 litru mhux ghal uzu privat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tad-29 ta' April 2008 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat ili huwa kellu hazna ghal pitrolju minghajr il-permessi necassarji ta'l-awtoritajiet, kif ukoll illi wettaq attivita ta' grossista tal-petroleum ta' iktar minn 300 litru minghajr l-awtorizazzjoni valida.

Mill-provi migjuba quddiem il-Qorti irrizulta illi l-imputat ghandu permess sabiex ibiegh il-pitrolju fid-distrett ta' San Gwann u il-Kappara u dana taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess licenzja esebita fl-atti bhala Dokument CB a fol.23 tal-process. Dana il-permess inhareg fl-1 ta' Frar 1978 u minn dak iz-zmien ma jidhirx illi saru xi tibdiliet fih. Ghal habta ta'l-1992, jidher illi l-imputat ghamel talba sabiex ikun jista' jahzen il-pitrolju f'tank taht l-art gewwa il-garaxx li jinsab biswit ir-residenza tieghu gewwa l-Gharghur. Ghal dana il-ghan intbaghtu xi spetturi min-naha ta'l-Enemalta li f'dak iz-zmien kienet l-entita' li tiehu hsieb il-hrug ta' dawn il-permessi. Saret ispezzjoni u l-imputat inghata il-permess sabiex jibda jibni dana it-tank taht struzzjonijiet li kienu inghataw lilu minn dawn l-ispetturi u mill-inginier ta'l-Enemalta. Kif jitlesta x-xoghol kellha issir spezzjoni ohra sabiex jigi verifikat jekk ix-x-xoghol kienx sar sew u skond il-ligi. Minn hawnhekk 'il quddiem ma huwiex car

ezattament fil-fatt x'sehh u dana peress illi ma hemm l-ebda notament iehor fil-file ta'l-Enemalta f'dana r-rigward. Huwa fatt mhux ikkontestat madanakollu illi il-Petroleum Division ta'l-Enemalta bdiet tissuplixxi lill-imputat bil-pitrolju sabiex jinzamm f'dina il-hazna gewwa l-Gharghur, u baqa' jigi hekk supplit tul dawna is-snin kollha.

Jidher illi matul dana il-perijodu ta' zmien, dawna l-permessi ma baqghux f'idejn l-Enemalta izda bdew jaqghu taht l-mansjonijiet fdati bil-ligi lil-Malta Resources Authority u ghalhekk il-karti u il-files kolha imxew minn taht idejn l-Enemalta. Mix-xhieda kemm ta'l_Inginier Charles Buttigieg li jokkupa kariga ta' inginier ma'l-Awtorita', kif ukoll mix-xhieda ta' Philip Borg, assistant manager fil-Petroleum Divison, jirrizulta illi l-imputat ma ghandux permess sabiex jahzen il-pitrolju u dana peress illi mill-file tieghu ma jirrizultax illi hemm xi notament f'dana ir-rigward. Madanakollu huma jikkonfermaw illi l-Petroleum Division ta'l-Enemalta baqghet tissuplixxi lill-imputat bil-pitrolju gewwa dina il-hazna u ghalhekk ma setghux jispjegaw dana l-fatt. L-uniku xhud li seta' jitfa dawl fuq dak illi sehh meta l-imputat kien applika ghal dina l-hazna huwa Alfred Mallia li fiz-zmien in kwistjoni kien jahdem ma'l-Enemalta u kien il-persuna responabbli. Fix-xhieda tieghu is-sur Mallia ighid illi ghalkemm mill-file ta'l-imputat ma jirrizultax illi fil-fatt it-tieni spezzjoni kienet saret wara li tlestew ix-xogholijiet, madanakollu mill-memorja tigehu, huwa ighid illi dina t-tieni ispezzjoni kienet saret mill-Principal Technical Officer Louis Camilleri, li kien ukoll ghamel l-ewwel ispezzjoni. Kien gie ivverifikat illi l-imputat kien ghamel ix-xoghol sew u kollox kien regolari. Fil-fatt sussegwentament huwa beda jigi supplit bil-pitrolju u baqa' jigi hekk supplit mill-Enemalta tul dana iz-zmien kollu b'mod regolari. Ighid madanakollu illi n-notament relattiv fil-file ta'l-imputat jidher illi ma kenitx saret u cioe' illi l-imputat seta' izomm dina l-hazna.

Illi l-imputat ghandu f'idejh licenzja mahruga taht l-Att XVI ta'l-1977 li ghaliha japplikaw ir-regolamenti dwar il-hazna tal-pitrolju kif jinsabu disposti fl-avviz legali 337 ta'l-1955, kif emendati bl-isemmi att hawn indikat. Bl-introduzzjoni tal-Awtorita' ta' Malta Dwar ir-Risorzi, imbaghad, fis-sena

2001, l-legislazzjoni li bdiet tirregola il-Bejgh u l-Hazna tal-pitrolju waghqet taht l-awtorita' imsemmija u ma baqghetx f'idejn il-Korporazzjoni Enemalta. Il-bejgh u il-hazna tal-pitrolju ghalhekk kienu regolati bir-regolamenti il-godda dwar il-Petroleum ghas-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa Fuq l-Art (LS423.28 u cioe' l-A.L. 278 ta'l-2007 kif sussegwentment emendat bl-A.L. 426 ta'l-2007).

Illi fl-artikolu 5 ta'l-istess regolamenti jinghad testwalment:

*"Kull persuna, li qabel id-dhul fis-sehh ta' dawn ir-regolamenti, kienet involuta f'xi attivita' jew operazzjoni relatata mal-petroleum u tippossjedi licenza ghal dana l-ghan taht ir-Regolamenti dwar il-Hzin tal-Petroleum (Revokati b'dawna r-regolamenti), tista' tkompli tezercita dawk l-attivitajiet skond il-licenzja relattiva taht il-kondizzjonijiet tal-licenza sa sena kalendarja mid-dhul fis-sehh ta' dawn ir-regolamenti jew sa meta tinghata l-awtorizazzjoni l-gdida, skond liema tigi l-ewwel."*

*"Izda persuna bhal dik ghandha tapplika ghall-awtorizazzjoni applikabbli gdida hekk kif elenkata fir-regolament 4(1) lill-Awtorita fi zmien xahrejn mill-jum minn meta jkun intabghat avviz mill-Awtorita' biex japplika ghal dik l-awtorizazzjoni."*
"*Izda ukoll persuna bhal dik ghandha tosserva dawk il-kundizzjonijiet ta'l-awtorizazzoni hekk kif stabbiliti fl-awtorizazzjoni l-gdida li ghandha tinhareg mill-Awtorita' b'effett mid-data li l-Awtorita' tista' tistabilixxi.*

Illi ghalhekk, l-imputat qatt ma seta' jigi akkuzat taht id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u cioe' taht dak dispost fl-artikolu 3, kif indikat fl-istess akkuza, gialdarba kienu ghadhom applikabbli fil-konfront tieghu id-disposizzjonijiet transitorji taht l-artikolu 5 hawn fuq citata. Dana qed jinghad ghaliex il-perijodu operattiv ta' sena indikat f'dana id-dispost tal-ligi kien ghadu ma iddekorriex (r-regolamenti gew fis-sehh fit-2 ta' Ottubru 2007 u dana skond l-avviz Legali 227/2007), u di' piu' mill-provi jirrizulta illi lanqas biss kien intbaghat l-avviz mill-Awtorita kif

indikat fid-disposizzjoni tal-ligi hawn fuq citata u dana sabiex tinhareg l-awtorizazzjoni il-gdida.

Illi di piu' ghalkemm mil-file relattiv f'isem l-imputat ma jirrizultax bil-miktub illi l-imputat kellu xi permess sabiex jahzen il-pitrolju madanakollu jidher illi xi forma ta' permess bil-fors kien inghata u dana fid-dawl tal-fatt illi l-Korporazzjoni Enamalta kienet tissuplixxi b'mod regolari lill-imputat bil-pitrolju sabiex jinhazen fil-post li wara kollox gie approvat mill-Enemalta stess. Fil-fatt L-Att ta'l-1977 fl-artikolu 37 jipprevedi illi persuna tkun tista' tahzen, fost affarijiet ohra, il-pitrolju mhux biss bis-sahha ta' licenzja izda ukoll tista' taghmel dana bi ftehim jew anke skond arrangamenti milhuqa mal-Korporazzjoni. Illi ghalhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi bil-fors illi kien hemm xi forma ta' arrangement jew ftehim bejn l-imputat u l-Korporazzjoni (ghalkemm ma jirrizulta xejn bil-miktub) li permezz tieghu l-imputat seta' jahzen il-pitrolju, ghaliex alterimenti zgur illi l-Enemalta ma kenitx tissuplixxi lill-imputat bil-pitrolju tul dawn is-snin kollha u dana illegalment! Dana huwa ikkonfermat mid-Dokument AM esebiet a fol.46 tal-process minn fejn jirrizulta illi wara spezzjoni li saret recenetment jidher illi fil-fatt dina l-hazna hija konformi ma'l-Avviz Legali 337 tal-1955, u cioe' hija fil-parametri ta' dak indikat fil-klawsola numru 5 tal-licenzja mahruga f'isem l-imputat, Dokument CB esebit a fol.23 tal-process.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, qieghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u dana peress illi l-istess akkuzi ma jirrizultawx ippruvati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------